MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 264/2011

**Il-Pulizija
Vs
Pierre Gaffiero**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli ghas-sena 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b’kuntratt naqas li jaghti lil Anna Maria Gaffiero u/jew ghal ulied is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha w/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-30 ta’ Mejju, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati u kkundannatu gimghatejn detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-9 ta’ Gunju, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza msemmija w minflok tiddikjarah mhux hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu u kwindi tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.
Illi ghall-istess ragunijiet imsemmija, l-appellant jitlob bir-rispett li f’kaz li tinstab xi htija fl-appellant, din il-Qorti joghgobha tbiddel il-piena nflitta fuqu fis-sens li taghtih piena ohra hafna aktar addatta mehud kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi kif ampjament huwa ppruvat mid-dokumenti l-manteniment kollu dovut mill-appellant f’dawn l-ahhar 7 snin u cioe` minn wara 6 ta’ Awwissu 2004 (meta gie ffirmat il-kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-konjugi Gaffiero - dejjem sar u dejjem gie accettat mill-kwerelanti Anne Marie Gaffiero, permezz ta’ pagamenti mensili kull l-24 ta’ xahar.

Illi ghalhekk b’dan il-mod inholqot konswetudni bejn l-istess partijiet fil-modalita` tal-hlas u ghalhekk l-istess kwerelanti giet li tacitament irrinunzjat ghad-dritt taghha li tircievi l-ammont ta’ manteniment dovut f’pagament wiehed ghal sena shiha.  Jekk tabilhaqq il-kwerelanti riedet tezercita d-dritt li tircievi l-ammont tal-manteniment f’somma wahda li tithallas kull 24 ta’ Jannar tas-sena, hija setghet facilment intimat lill-appellant u minghajr pregudizzju tirrifjuta li taccetta minn ghandu pagamenti mensili.  Pero`, wara li l-kwerelanti kompliet taccetta minghand l-appellant il-manteniment ghax-xhur ta’ Jannar, Frar, Marzu, April, Mejju u Gunju 2011, hija ma tistax tesigi li huwa jhallasaha wkoll kwalsiasi bilanc dovut f’somma wahda w dan peress li bl-accettazzjoni tal-hlasijiet mensili hija rrinunzjat ghal dak l-istess dritt.

Illi kif gia ssemma`, gie ammess mill-istess kwerelanti meta xehdet quddiem l-Ewwel Qorti u kif huwa ppruvat bl-aktar mod assolut, sa dan ix-xahar stess u cioe` sa Gunju 2011 meta qieghed jinkiteb dan l-appell, l-appellant dejjem u invarjabilment baqa` jhallas lil martu kemm il-manteniment ghat-tifla Angele, li llum ghandha 17-il sena u sitt xhur kif ukoll ghaliha.

Illi l-fedina penali tal-appellant hija wahda netta w l-unika darba li tressaq quddiem il-Qorti Kriminali matul il-50 sena li ghandu kien proprju fuq kwerela ohra ta' martu li akkuzatu li huwa ma kienx hallasaha manteniment f'Ottubru u f'Novembru 2009 u fl-24 ta' Jannar 2010. Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali permezz tas-sentenza tas-16 ta' Gunju 2010 semplicement applikat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr kondizzjoni ghax fehmet sew li kien proprju l-appellant li kien qed jipprovdi ghall-bzonnijiet kollha ta' uliedu meta l-kwerelanti kienet siefret ghal tlett xhur biex taghmel ir-ricerka ghat-terzi legali taghha. Di fatti ghall-perjodu Otturbu – Novembru 2010, meta l-esponenti kienet imsiefra, l-appellant ma hallashiex tal-manteniment stante li kien qieghed imantni u jiehu hsieb uliedu hu u xorta wahda l-Ewwel Qorti ma kkundannatux sabiex ihallasaha!

Illi ghalhekk, meta jigi kkunsidrat dak kollu suespost, il-piena ta' hmistax-il jum karcerazzjoni hija wahda esagerata u bla sens meta wara kollox il-manteniment huwa mhallas proprju sal-lum u cioe` sa Gunju 2011 u l-minuri bintu mhux qeghda tesperjenza xi tbatija.

Illi kif dejjem gie ritenut minn dawn il-Qrati, l-piena karcerarja trid tigi applikata biss fl-ahhar meta l-Qorti tara li ma tkun tista` taghmel xejn aktar biex issalva w tirrijabilita` l-persuna mixlija quddiemha. Il-piena karcerarja mhux qed hemm biex tigi applikata leggerment bir-rizultat li taghmel kriminali cittadini onesti li dejjem hadmu u stinkaw ghall-familja taghhom u refghu b'mod l-aktar responsabbli d-doveri taghhom ta' genituri, hekk kif inhu dan il-kaz.

Illi dan is-sens ta' vendetta li l-kwerelanti qeghda turi fil-konfront ta' l-appellant zewgha, huwa wkoll manifestat u pprovat mill-fatt, illi kif gia ntqal f'para 4 supra, ghalkemm l-ammont ta' €1011.51 iddepozitat fir-Registru tal-Qorti, qieghed jistenna biss li l-kwerelanti tirtirah, ghax l-esponenti gia awtorizza lill-Avukat sottoskritt sabiex jiffirma n-non opposizzjoni tieghu li jingibed minn martu, hija sena wara, ghandha lanqas biss pprovat tirtirah!

Illi b'kull rispett l-esponenti jissottometti illi l-funzjoni tal-Qrati hija dik li jaghmlu gustizzja w mhux dik li jintuzaw biex persuna tithallas tizvoga l-vendetta taghha fuq cittadini onesti ohra!

Illi dak kollu suespost, ghalhekk jipprova bl-aktar mod car u manifest illi l-esponenti m'huwiex hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu u ghalhekk il-piena ta' hmistax-il jum prigunerija moghtija kontra tieghu, hija assolutament skorretta, anke jekk forsi, teknikament, huwa naqas li jhallas l-ammont ta' manteniment dovut ta' sena f'pagament wiehed.

Ikkunsidrat:

Illi b'Verbal tas-seduta tas-17 ta' Novembru, 2011 il-parti civili Anna Maria Gaffiero, ddikjarat illi m'ghandiex aktar pendenzi kontra l-appellant peress illi fil-mori ta' l-appell l-appellant hallas l-ammonti kollha illi taghhom kien gie addebitat f'din il-kawza. Fl-isfond ta' din id-dikjarazzjoni l-partijiet ma dahlux fil-mertu ta' din il-kawza izda talbu lill-Qorti li tinghata Sentenza u tiehu in konsiderazzjoni dan il-hlas fil-mori.

Ikkunsidrat:

Illi f'dan il-isfond il-Qorti m'ghandiex hafna xi tghid hlief illi fil-kaz li jsir hlas fil-mori tal-kawza jista' jkun hemm temperament fil-piena. Fil-fatt fil-kawza Il-Pulizija vs Publius Said (25 ta' Settembru 2003) il-Qorti qalet "L-iskop tal-legzlatur, meta ntroduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fin-1983 (bl-emmenda tan-1986), kien li

ssir pressjoni fuq id-debituri rikarcitranti biex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpedixxi l-ksur ta' l-ordnijiet, digrieti jew Sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kuntrattwali bejn il-konjugi. F'dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ta' temperiment fil-piena . . . "

Dan huwa propju dak illi gara f'dan il-kaz izda l-Qorti jidrilha illi m'ghandiex tiddisturba d-deskrizzjoni ta' l-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwardja d-dikjarazzjoni ta' htija peress illi skond il-provi illi kellha quddiemha l-Qorti setghet facilment u legalment tasal ghal din il-konkluzjoni. Ghalhekk din il-Qorti tilqa l-appell in parti fejn fil-waqt illi tikkonferma d-dikjarazzjoni ta' htija maghmula mill-ewwel Qorti tvarja l-piena fis-sens illi tirrevoka l-piena ta' 15 –il gurnata detenzjoni u minflok tillibera lill-appellant taht il-providimenti ta' l-Artiklu 22 tal-Kap. 446 bil-kundizzjoni illi ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------